**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Leticia Elizabeth Castro Sanchez**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Leticia Elizabeth Castro Sanchez ta' erbgħa u erbgħin (44) sena, imwielda ġewwa l-Urugway, nhar it-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), residenti C Remunita 06 P03 13 u detentriċi tal-passaport tal-Urugway numru D739926

Akkuzata talli nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa (21:00) u l-ħdax u nofs (23:30) ta' filgħaxija ġewwa l-ħanut Corks li jinsab ġewwa Triq San Gorg, San Giljan u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' kartiera sewda li kienet tikkontjeni żewġ karti ta' kreditu u numru ta' dokumenti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u li sar għad-dannu

ta' Sara Pontrelli u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

Artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Akkuzata wkoll talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel żewġ akkużi:

2. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, u dan billi użat karta ta' kreditu misruqa, għamlet qligħ bi ħsara ta' Sara Pontrelli u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema ammont ta' hsara magħmula m'huwiex ta' aktar minn ħames mitt Ewro (€500);

   Artikoli 18, 308 u 310(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu;

   Artikoli 18, 309 u 310(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

U aktar talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi msemmi hawn fuq:

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, u dan billi użat karta ta' kreditu misruqa, għamlet qligħ bi ħsara ta' Sara Pontrelli u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema ammont ta' hsara magħmula m'huwiex ta' aktar minn ħames mitt Ewro (€500), wriet dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema

delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha;
Artikoli 18, 41(1)(a), 308 u 310(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

5. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, wriet dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha;
Artikoli 18, 41(1)(a), 309 u 310(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati kollha hawn fuq imsemmija, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u / jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

2. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotta kontra taghha.

4. Semghet il-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghat-tieni imputazzjoni filwaqt li l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghar-raba' imputazzjoni.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha hija ta' tletin (30) xahar prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara jekk tridx tirrevedi l-pozizzjoni taghha.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed sabiex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha, u hi wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija mill-Qorti jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha, l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni taghha stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tnejn (2) u erba' (4) dedotti fil-konfront taghha, stante li l-Prosekuzzjoni iddikjarat illi t-tielet imputazzjoni hija alternattiva ghat-tieni imputazzjoni filwaqt li l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghar-raba' imputazzjoni.

9. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u irregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta – l-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri - u ghalhekk ma hlitx il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

10. L-imputata tinsab hawn Malta fuq btala, u ghalhekk il-fedina penali netta taghha f'Malta, ma hija ta' ebda utilita ghal din il-Qorti.

11. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-ammont totali defrawdat huwa ta' sittax (16)-il Euro (€16.00).

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tal-hames imputazzjoni fic-citazzjoni;

    2. Wara li rat l-Artikoli 261(f), 270, 281(a), 18, 308, 310(1)(c), 18, 41(1), 308 u 310(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata

hatja tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tnejn (2) u erba' (4) dedotti kontra taghha;

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-hatja ghal piena karcerarja ta' sena (1) li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, thallas is-somma ta' sittax (16)-il Euro lil Sara Pontrelli fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha mil-lum, rapprezentanti l-ammont minnha defrawdat.

13. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk tonqos li thallas Sara Pontrelli l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

14. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**